MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 28/2007/1

**Atlas Insurance PCC Limited f'isimha *proprio* u bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha Alessandra Zammit u Melissa Camenzuli**

**vs**

**Anthony Sacco, Jason Vassallo, Vassallo Construction Limited, Joseph Cassar u Cranes & Commercials Sales Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat il-5 ta' Frar tas-sena 2007 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet

lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu, jew min minnhom, is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, ammontanti ghal erbat elef u dsatax-il Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM4,019.83,0) rapprezentanti d-danni minnhom kagunati u spejjez konsegwenzjali, b'rizultat tal-ingress tal-ilma li, fil-15 ta' Settembru tas-sena 2003, ippenetra fil-proprjeta` tal-assigurati tas-socjeta` rikorrenti mill-proprieta` taghhom jew minnhom gestita jew kontrollata jew li fiha kienu qed jahdmu, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` rikorrenti assiguratrici u li taghhom hija giet surrogata abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni, kif ukoll l-ispejjez li ntefqu in konnessjoni mas-"*survey"* relattiv;

2. Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 t'Awissu tas-sena 2005, u ta' hames ittri legali kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Jason Vassallo u ta' Vassallo Construction Limited datata s-16 t'April tas-sena 2007 li permezz taghha rrispondew bil-mod segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti m'humiex responsabbli ghad-danni mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni li s-socjeta` rikorrenti qed tippretendi mhux gustifikati u huma esagerati;

3. Illi subordinarjament u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhomx ibaghtu spejjez gudizzjarji ghaliex l-esponenti tramite l-

legali taghhom diga’ kienu offrew qabel giet intavolata din il-kawza minghajr pregudizzju, is-somma ta’ tlett elef Lira Maltin, (LM3000.00,0), ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti ghal liema offerta l-esponenti qatt ma recevew risposta;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-risposta ta’ Joseph Cassar u ta’ Cranes & Commercials Limited datata s-16 t’April tas-sena 2007, li permezz taghha rrispondew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti m’humiex responsabbli ghad-danni mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni li s-socjeta` rikorrenti qed tippretendi mhux gustifikati u huma esagerati;

3. Illi subordinarjament u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m’ghandhomx ibaghtu spejjez gudizzjarji ghaliex l-esponenti tramite l-legali taghhom diga’ kienu offrew qabel giet intavolata din il-kawza minghajr pregudizzju, is-somma ta’ tlett elef Lira Maltin, (LM3000.00,0), ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti ghal liema offerta l-esponenti qatt ma recevew risposta;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Rat il-verbal datat is-17 t’April tas-sena 2007, fejn gie verbalizzat li l-intimat Anthony Sacco deher personalment fil-procedura u kkontesta t-talbiet attrici;

Innotat li nonostante dan il-verbal ta’ l-intimat Anthony Sacco, dan baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti inkluza l-formola tas-surroga favur is-socjeta` attrici;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-15 ta’ Settembru tas-sena 2003, l-assigurati tas-socjeta` rikorrenti Alessandra Zammit u Melissa Camenzuli intavolaw talba quddiem l-istess socjeta` attrici taht il-polza ta’ l-assikurazzjoni taghhom stante li l-appartamenti rispettivi taghhom enumerati 7 u 8, “St. Louis Flats”, Triq San Luigi, l-Imsida kienu sofrew danni ingenti kkagunati minn xita li dahlet fl-appartamenti de quo;

2. Illi specfikatament il-hsara riskontrata kienet giet ikkagunata minn kwantita` kbira ta’ xita li kienet dahhlet fl-istess appartamenti mis-saqaf taghhom;

3. Illi skond il-perit ex parte li spezzjona l-fondi in dizamina rrizulta li fuq l-imsemmija appartamenti kien hemm *penthouse* fi stat ta’ kostruzzjoni b’diversi aperturi taghhom li ma kienux maghluqin jew moghttija temporanjament bi *plastic* u *plywood*, b’gebel li l-fili taghhom kienu merflin u mkahhlin, b’katusi u b’kanali temproanji mas-saqaf u l-ilma baqa’ jipperkola fl-imsemmija appartamenti sa gimgha wara x-xita riskontrata;

4. Illi komulattivament, dawn ikkontribwew ghad-dannu kkagunat lill-

appartamenti sottostanti billi indirizzaw l-ilma tax-xita lil dawn l-appartamenti;

5. Illi skond l-istess arkitett il-hsarat sofferti fl-appartamenti jirrizultaw is-segwenti:

i. Appartament numru 7:

Id-danni riskontrati jammontaw ghall-elf u disa' mitt Lira Maltin (LM1,900.00,0), li minnhom is-socjeta` attrici hallset elf tminn mija tmienja u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM1,888.50,0);

ii. Appartament numru 8:

Id-danni riskontrati jammontaw ghall-elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0), li s-socjeta` attrici hallset elfejn u sitta u disghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM2,096.25,0);

6. Illi inoltre, l-istess socjeta` attrici hallset hamsa u tletin Lira Maltin (LM35.00,0) lill-perit minnha inkarigat;

7. Illi stante li hadd mill-intimati ma ried jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati, is-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tippersisti bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-intimati tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat Sacco hu l-proprjetarju ta' l-arja sitwata fuq l-appartament numru 8, "St.Louis Flats", Triq San Alwigi, L-Imsida;

2. Illi l-istess intimat Sacco inkariga lill-intimat Cassar biex jibni *"penthouse"* fl-imsemmija proprjeta`;

3. Illi l-kuntrattur hekk inkarigat kien assigura lill-imsemmi Sacco li x-xoghol kellu jibda u jintemm fi zmien tlett (3) gimghat;

4. Illi x-xoghol ta' kostruzzjoni beda f'Mejju tas-sena 2003, izda kien interrott;

5. Illi biex jigwadanjaw iz-zmien, l-imsemmi intimat Vassallo issuggerixxa li s-saqaf jinbeda bil-"*bricks*" u ma jsirx tal-konkos;

6. Illi l-intimat Sacco ghadda l-pajpijiet tad-dawl fuq il-bejt u jirrizulta li s'Awissu ta' l-istess sena, il-bejt tal-*penthouse* ma kienx ghadu lest;

7. Illi ghalkemm l-intimati kuntratturi ngibditilhom l-attenzjoni ghall-perikolu li kien ser jikkawzaw jekk tilhaq taghmel ix-xita, huma xorta imminimizzaw il-perikolu billi nfurmaw lill-ko-intimat Sacco li kienu facilment isolvu l-problema permezz ta' pompi;

8. Illi skond Sacco, dan ma kienx accettabbli u baqa' jinsisti li l-kuntratturi nvoluti kellhom jikkonkludu x-xogholijiet necessarji skond l-istruzzjonijiet lilhom moghtija;

9. Illi l-intimati Sacco u Vassallo offrew li jaghmlu tajjeb ghall-hsarat sofferti mis-surrogati Zammit u Camenzuli izda t-trattattivi ma kellhom l-ebda ezitu posittiv;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-hsarat sofferti mis-surrogati tas-socjeta` rikorrenti kienu kkagunati minhabba l-istat tal-kostruzzjoni fil-mument meta ghamlet ix-xita u fl-intransigenza tas-socjetajiet ta' kostruzzjoni li effetwaw l-istess fondi;

2. Illi peress li dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni ma kienx konkluz, ix-xita li nizlet fil-15 ta' Settembru tas-sena 2003, kienet allura indirizzata fl-appartamenti de quo b'rizultat devastanti;

3. Illi wara li l-istess appartamenti gew miflija mill-perit arkitett tas-socjeta' rikorrenti, din kienet sodisfatta li l-assigurati taghha kienu estranei ghall-akkadut u li d-danni minnhom sofferti kellhom dritt li jigu risarciti ghalihom;

4. Illi din il-qorti hi sodisfatta li d-danni sofferti mill-assikurati Zammit u Camenzuli saru tort in-nuqqasijiet ta' l-intimati Vassallo, Cassar u tas-socjetajiet rispettivi taghhom;

5. Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Sacco hu ghal kollox estraneu ghall-akkadut stante li hu kien ilu jinsisti li x-xogholijiet involuti kellhom jigu ezegwiti fi zmien qasir – propju biex jigi evitat dak li effettivament sehh;

6. Illi s-socjeta` rikorrenti giet debitament surrogata skond il-ligi;

7. Illi l-fatt li fallew in-negozjati kondotti mill-partijiet biex jindirizzaw il-kwantum involut ma ghandu jkollu l-ebda skuzanti favur l-intimati biex ma jbaghtux spejjez gudizzjarji ghaliex altrimenti kull ma wiehed ghandu jaghmel biex jigi ezonorat minn tali spejjez hu li jibda trattattivi u wara sempliciment jissilurhom – haga li din il-qorti ma tikkondividix;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li l-intimati Jason Vassallo, Vassallo Construction Limited, Joseph Cassar u Cranes & Commercials Sales Limited huma in solidum responsabbli ghall-hsarat ikkagunati lis-surrogati u konsegwentemnet lis-socjeta` rikorrenti Atlas Insurance proprio u filwaqt ghalhekk li tirrespingi t-

twegibiet kollha ta’ l-istess intimati takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimati Jason Vassallo, Vassallo Construction Limited, Joseph Cassar u Cranes & Commercials Sales Limited biex in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ erbat elef u dsatax-il Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM4,019.83,0) ekwivalent ghall-disat elef tlett mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€9,363.68), ghall-hsarat ikkagunati b’rizultat ta’ ingress ta’ l-ilma li fil-15 ta’ Settembru tas-sena 2003, ippenetra l-proprjeta’ l-assigurati taghha mill-proprjeta’ sovrastanti u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` rikorrenti li sussegwentement giet debitament surrogata fid-drittijiet taghhom;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta’ l-ittra ufficjali datata t-18 t’Awissu tas-sena 2005;

3. Illi fir-rigward ta’ l-intimat Anthony Sacco, in vista tal-premess, it-talbiet attrici qed jigu respinti stante li ma gewx ipprovati fil-konfront tieghu, bl-ispejjez involuti pero` xorta wahda jibqghu a karigu tal-intimati l-ohra.”

Hlief ghall-konvenut Anthony Sacco l-konvenuti l-ohra sokkombenti fil-gudizzju appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji taghhom kontenuti f’appelli separati huma tnejn u sejrin jigu mill-Qorti ezaminati *seriatim*;

Bl-ewwel aggravju l-appellanti jissottomettu illi l-ewwel Qorti ma kienx messha strahet fuq il-provi tal-konvenut Anthony Sacco ghaliex dan kien fi stat kontumacjali u ma setax iressaq provi. Bi twegiba ghal dan l-aggravju l-konvenut Anthony Sacco jikkontrapponi dan li gej:-

1. Il-kontumacja huwa istitut li strettament japplika ghall-proceduri quddiem il-Qorti Superjuri u mhux dik ta' gurisdizzjoni Inferjuri. Huwa jibbaza dan l-argoment fuq il-konsiderazzjoni illi l-ligi timponi terminu (20 jum) ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet riferibilment ghall-proceduri mibdija b'rikors guramentat (Artikolu 158), li hanwhekk mhux il-kaz;

2. Ma jistax jinghad li hu baqa' kontumaci ghaliex hu kkuntesta t-talbiet attrici permezz ta' Affidavit u attenda wkoll ghas-seduti;

3. L-appellanti kien messhom oggezzjonaw u talbu l-isfilz ta' l-Affidavit fil-mument opportun quddiem l-ewwel Qorti. Similment, gie hekk sottomess mill-atturi appellati fir-risposta taghhom ta' l-appell;

Huwa fatt li jinzel mill-atti illi l-konvenut Anthony Sacco, ghalkemm ritwalment citat, baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu relattivament ghad-domanda proposta fil-konfront tieghu. Di regola dan il-fatt processwali jgib mieghu effetti specifici espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Dan ukoll fil-kaz ta' procedimenti quddiem il-Qorti Inferjuri, kif illustrat fis-sentenza fl-ismijiet "**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937, fejn tinsab esposta l-gurisprudenza lokali dwar il-kontumacja quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati;

Aktar fundamentali minn hekk ghall-iskop ta' l-investigazzjoni ta' l-ewwel aggravju hi l-osservazzjoni ta' l-appellati illi ma kienx lecitu ghall-appellanti illi huma jqajmu f'dan l-istadju inoltrat tal-procedura l-lanjanza taghhom b'rabta ma' l-istat kontumacjali ta' Anthony Sacco. B'dan iridu certament ifissru illi dik l-istess lanjanza tintroduci fatti u cirkostanzi guridici li ma gewx allegati u, wisq anqas, definiti fl-ewwel grad;

A propositu ta' dan gie minn din il-Qorti kif presjeduta deciz dan li jsegwi:-

"Jibda biex jinghad b'introduzzjoni illi l-appell hu mezz koncess ghal fini illi l-appellanti, bl-aggravju tieghu, jirrimetti in diskussjoni fil-konfront tal-parti avversarja l-oggett tal-provvediment jew tas-sentenza tal-qorti jew tribunal ta' l-ewwel grad. In kwantu tali, ma tistax tammetti illi l-appellanti jressaq quddiemha domandi taht forma ta' gravami li jintroducu fatti u cirkostanzi, anke guridici, li ma gewx allegati u definiti fl-ewwel istanza. Dan ghal raguni illi jekk jithalla jsir dan, jigi introdott fil-process fl-istadju ta' l-appell tema gdida ta' indagini u ta' decizjoni li taltera l-oggett sostanzjali tat-termini tal-kontroversja quddiem l-ewwel tribunal. Dan certament mhux lecitu li jsir in kwantu Qorti ta' Appell b'funzjoni esklussiva li tirrevedi l-process issir hi stess qorti ta' l-ewwel istanza u dan iwassal ghal stultifikar tas-sistema gudizzjarja" ("**Anthony Zarb -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell Inferjuri, 30 ta' April, 2008);

Hemm imbaghad konsiderazzjoni agguntiva li trid issir. Jidher car mill-atti illi l-kontendenti kienu qeghdin ipoggu quddiem l-ewwel Qorti serje ta' cirkostanzi ta' fatt attinenti ghall-prova tar-responsabilita`, o meno, tad-danni reklamati u tar-rizarciment taghhom. Jikkonsegwi minn dan illi kellu jkun intwittiv ghall-appellanti f'dak l-istadju li dak kien ser ikun il-bazi ta' l-istharrig kondott mill-ewwel Qorti u, allura, la kienu jafu dan huma setghu dejjem liberament f'dak l-istess stadju jissollevaw il-punt tal-kontumacja ta' Anthony Sacco u jitolbu l-isfilz ta' l-Affidavit tieghu. La dan ma ghamluhx meta kellhom jaghmluh mhux ghal din il-Qorti li issa tokkupa ruhha mill-ilment taghhom. L-aggravju huwa konsegwentement inattendibbli;

Bit-tieni motiv ta' aggravju l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti skartat il-versjoni taghhom tal-fatti. Fl-istess kuntest jikkontendu wkoll illi huma ma setghux jitqiesu fi htija

kemm ghaliex l-ebda addebitu ma tressaq jew gie pprovat fil-konfront taghhom, kemm ghaliex ukoll huma ma kellhom ebda rapport kontrattwali ma’ l-atturi. Barra minn dan huma jsostnu wkoll illi l-konvenut Anthony Sacco ma setax jinheles mir-responsabilita` ghaliex hu kien fl-obbligu li jinsisti li l-kuntratt ta’ appalt jigi ezegwit u, dippju, kien hu li ghamel il-katusi u ghalaq uhud mill-aperturi bil-plastik;

Il-kwestjoni sollevata b’dan l-aggravju tirrigwarda l-qofol tal-mertu tal-vertenza. Senjatament, jekk l-appellanti kellhomx jigu dikjarati responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurati tas-socjeta` attrici bil-perkolazzjoni ta’ l-ilma fil-fondi proprjeta` taghhom derivat mill-fond soprastanti, suggett ta’ l-appalt;

Kif inhu maghruf il-kolpa, dezunta mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kawza, hi element li, flimkien mar-rapport ta’ kawzalita` ta’ fatt, isservi biex tiddetermina l-ezistenza ta’ fatt illecitu li jkun gab fis-sehh id-dannu. Dan fl-istharrig ta’ att jew fatt imputabbli *ex* delicto jew *vel quasi delicto*, kif inhu proprju l-kaz hawnhekk. Din il-kolpa mhix l-istess haga bhal dik ta’ l-inadempjenza fil-kamp tar-responsabilita` kontrattwali ghal kaz, per ezempju, fejn id-debitur ta’ l-obbligazzjoni jonqos milli jezegwixxi l-prestazzjoni tieghu fiz-zmien pattwit. B’danakollu, jista’ jkollok sitwazzjoni fejn soggett ikun responsabbli *ex contractu* ghax bhala appaltatur ikun naqas mid-doveri tieghu versu l-kommittent li inkarigah u, ukoll, fl-istess waqt, dak l-istess soggett – appaltatur ikun responsabbli ta’ kolpa akwiljana versu t-terz li lilu jkun ikkaguna l-hsara. Fil-kaz prezenti l-azzjoni ma saretx mill-kommittent izda mit-terzi, u dan igib li l-qaghda tippartecipa mir-responsabilita` *ex delicto vel quasi*;

Il-provi jistabilixxu illi l-konvenut Anthony Sacco ikkommissjona lill-konvenuti appellanti Joseph Cassar u Cranes & Commercial Sales Limited bl-izvilupp ta’ *penthouse* fuq l-arja tal-blokk “St Louis Flats” fl-Imsida.

Dawn l-appellanti minn naha taghhom issub-appaltaw ix-xoghlijiet lill-konvenuti l-ohra, l-appellanti Jason Vassallo u Vassallo Construction Limited. Jekk wiehed joqghod ghall-Affidavit ta' l-istess Anthony Sacco (fol. 9) it-terminu miftiehem ghall-ikkumpletar tax-xoghlijiet kien dak ta' tliet gimghat. Jirrizulta, mhux ikkontestat, illi l-appalt ma tlestix f'dan iz-zmien u dan, nonostante l-bosta rikjami sija mill-istess Anthony Sacco, kif ukoll mill-assigurati Alessandra Zammit u Melissa Swift (ara Affidavits taghhom a fol. 29 u fol. 34). Ghall-ikkompletar tal-kwadru tal-fatti jirrizulta, inoltre, mir-rapport ta' l-Arkitett Nicholas Sammut Tagliaferro (fol. 41) illi, fuq il-fehma tieghu, il-perkolazzjoni ta' l-ilma fil-fondi ta' l-imsemmija assigurati kienet dovuta ghall-fatt illi, in referenza ghax-xoghlijiet esegwiti, "ma kienx sar xoghol adegwat biex tinghalaq il-binja u tipprotegi u tissigilla dan il-fond mill-ilma tax-xita";

M'hemmx dubju li l-htija trid titkejjel bil-metru oggettiv ta' valutazzjoni fil-parametru ta' l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili, ossija, in bazi ghal mudell ta' dik id-diligenza li jippreciza dan l-artikolu. Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Spiteri -vs- Alexander Camilleri**", Appell Civili, 9 ta' April, 1937, illi "huwa assodat fid-duttrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cjoe, id-diligenza ordinarja";

Kif taraha din il-Qorti fuq il-kumpless tal-provi d-diligenza hawn rikjamata kienet tesigi mill-appellanti d-dover li, una volta accettaw l-appalt, huma jikkompletaw l-istess skond it-teknika tas-sengha u ta' l-arti, u fiz-zmien miftiehem jew, altrimenti, fi zmien ragonevoli. Fl-opinjoni tal-Qorti l-appellanti naqsu minn dan id-dover u huwa inutili li jittantaw jispostaw ir-responsabilita` fuq il-konvenut-kommittenti Anthony Sacco ghax il-kolpa taghhom hi evidenti. Dan mhux biss *di fronte* ghall-istess kommittenti imma, innegabilment ukoll, *di fronte* ghall-assigurati terzi talli naqsu milli jipprestaw dik l-attenzjoni u dik id-diligenza ghall-hwejjeg haddiehor fil-kors ta' l-attivita` zvolta minnhom u ghall-mankanzi ta' mizuri preventivi li kienu

inkombenti fuqhom li jiehdu u li jassiguraw.  Fl-istat li fih l-appellanti hallew ix-xoghlijiet, Anthony Sacco ittanta mill-ahjar li seta' jiehu mizuri kawtelativi u m'ghandux ghal daqshekk jigi pretiz, kif hekk jippretendu l-appellanti, illi kien hu li vvjola n-norma tal-prudenza u mhux huma. Ghal din il-Qorti din il-pretensjoni, u allura wkoll dan l-aggravju, ma humiex sorretti.

Ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew solidalment mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------